Grand Tour
# Portugal

**01-12 SEPTEMBER**

**INŻURU: FATIMA, OBIDOS, NAZARE, ALCOBACA, BATALHA, ALJUSTRIAL, OPORTO, DOURO VALLEY, BRAGA, VILA DE CONDE, AVEIRO, FIGUERA DA FOZ, CAPO ROCA, CASCAIS, ESTORIAL, LISBON, ALMADA, SINTRA, SETUBAL**

### IL-ĦADD 01 TA' SETTEMBRU
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta f,12.25 għat-titjira FR9654 li titlaq fis-14.25 u naslu **Lisbona** fil-16.55. Transfer bil-kowċ lejn **Fatima,** post ta' devozzjoni kbira. Mal-wasla tagħna fil-hotel **Santa Maria 4 stars** issir s-sistemazzjoni tal-kmamar u ċena fil-hotel.

### IT-TNEJN 02 TA'SETTEMBRU
Wara li nieħdu breakfast, ikollna eskursjoni mill-aktar interessanti għal **Alcobaca u Batalha**. L-ewwel nżuru **Alcobaca** fejn nagħmlu dawra mal-belt u nżuru l-monasteru (ent extra). Inkomplu lejn **Batalha**, nieqfu għal sightseeing u nżuru l-**Monasteru ta' St Mary of the Victory**, li hu wieħed mill-bini l-aktar sinifikattiv ta' stil gotiku Portugiz u Manueline Style. F'dan il-famuż monasteru taraw xogħol ta' Stained Glass. Naraw ukoll il-qabar manjifiku ta' **King John 1 u Filippu De Lancastre**, kif ukoll oqbra oħra tar-Royal House. Nirritornaw lura l-hotel u jkollna ċ-ċena.

### IT-TLIETA 03 TA'SETTEMBRU
Wara li nieħdu buffet breakfast ikollna ħin għal quddies. Inżuru wkoll postijiet ta' devozzjoni bħal **Perpetual Adoration Chapel, Chapel of Apparitions**, kif ukoll il-bażilika. Wara nofsinnhar inżuru **Valinhos** (mini train extra), fejn naraw l-istazzjonijiet tal-**Via Crucis**. Inżuru wkoll **Ajustrel** biex naraw id-djar fejn kienu jgħixu t-tlett rgħajja Lucia, Jacinta u Francesco. Ċena fil-hotel.



### L-ERBGĦA 04 TA'SETTEMBRU
Buffet breakfast segwit minn ħin għall-aħħar devozzjoni. Wara nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Braga,** iżda qabel nieqfu fil-belt ta' **Coimbra**. Nagħmlu dawra ma' din il-belt mimlija arti fejn fost oħrajn naraw l-ewwel **Universita'** li nbniet ġewwa l-Portugal, il-**Knisja ta' Santa Cruz, National Pantheon, Old Cathedral u largo de Almedina**. Wara nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Braga** Akkomodazzjoni **Hotel Mercure Braga** 4 Star Ċena fil-hotel.

### IL-ĦAMIS 05 TA' SETTEMBRU
Breakfast u nitilqu lejn **Porto.** Belt mill-akbar u importanti għall-kummerċ fil-Portugal. Mal-wasla tagħna jkollna city tour fejn naraw l-aktar postijiet ta' interess bħal famuż **Katidral ta' Porto,** imżejjen b'arkitettura Romaneska**, Clerigos** mibni fuq stil Barokk u madwar il-belt nammiraw għadd ta' bini fuq stil gottiku u neo-klassiku. Minn **Foz** naraw veduta sabiħa tal-kosta. Inżuru wkoll **Port Wine Cellars**. Finalment nżuru Unesco World Heritage Site ta' **Ribeira Square**. Wara jkollna ħin liberu. Nirritornaw lura l-lukanda għaċ-ċena.

### IL-ĠIMGĦA 06 TA'SETTEMBRU
Skopri magħna l-ġmiel ta' **Dauro Valley** u l-kampanja Portugiża f'din il-ġurnata ta' rilassament. Naraw villaġġi żgħar u ħelwin, inżuru wine estates fejn ikollna wine tasting (extra). Ikollna cruise madwar **ix-xmara Douro** biex inkomplu nitpaxxew bil-ġmiel tan-natura. Waqt il-cruise niġu servuti **lunch.** Wara nirritornaw Braga.

### IS-SIBT 07 TA'SETTEMBRU
Breakfast ikollna ġita interessanti għal **Braga u Vila Do Conde**. Nibdew l-eskursjoni tagħna mal-belt ta' **Braga**, World Heritage listed Town. Inżuru ċ-ċentru storiku, naraw għadd ta' monumenti, Briganza Palace. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Braga**, misjuba mir-Rumani. Braga hi magħrufa bħala l-belt tal-arċisqof minħabba għadd kbir ta' monumenti reliġjużi. Naraw il-knisja ta' **Our Lady of Someiro**, inżuru u nammiraw funtani barokki, fdalijiet, bini u monumenti li jfakkruna f'Sidna Ġesu Kristu. Ikollna ħin liberu għall-ikel (extra) u xiri ta' souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġo Vila Do Conde fejn nieqfu biex nesploraw dan il-post. Nirritornaw lura **Braga**. Ċena fil-hotel.

### IL-ĦADD 08 TA, SETTEMBRU
Wasal il-ħin li nħallu Guimares u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt sabiħa ta' **Lisbona** iżda qabel inżuru **Aveiro** magħrufa bħala Venice of Portugal. Mal-wasla tagħna



flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra fejn fost l-oħrajn naraw iċ-ċentru storiku u s-suq tal-ħut. Naraw panorama sabiħa tal-bejtiet taċ-ċikonji u l-**Aveiro Salinas** li huma riservi tal-melħ. Issa għal min irid nistgħu mmorru cruise (extra) fuq dgħajjes tradizzjonali li jissejħu '**Moliceiro**' li huma ddekorati b'pitturi relatati mal-kultura lokali. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn **Figueira Del Foz** fejn nieqfu għal sightseeing. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Lisbona.** Akkomodazzjoni ġol Hotel Turim Iberia 4*. Wara ċ-ċena fil-Hotel.

### IT-TNEJN 09 TA' SETTEMBRU
Skopri magħna l-ġmiel ta' **Sintra, Cascais u Estoril**-eskursjoni ta' ġurnata mill-aktar informattiva dwar l-istorja u l-kultura lokali. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Sintra,** nagħmlu dawra mat-toroq tant pittoreski u naraw veduti mill-isbaħ. Wara jkollna ħin liberu. Nivvjaġġaw matul il-kosta fejn naraw il-Western point impressjonanti tal-Europa (**Cabo De Roca**). Issa jmiss li nżuru **Cascais** fejn ikollna l-opportunita' li naraw il-bajja ta' Cascais. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Estoril,** wara nirritornaw lura Lisbona għaċ-ċena.

### IT-TLIETA 10 TA' SETTEMBRU
Illum nibdew bis-city tour mal-belt ta' **Lisbona** bil-kowċ u gwida tal-lokal fejn ser ikollna l-opportunita' li naraw postijiet ta' interess bħal Jeronimas Monastery, Lisbon Cathedral, Rossio Square, Belem Tower, Commerce Square, Tagus River, Vasco da Gama, bridge, Gare do Oriente, Royal Coach Museum. Inżuru l-kwartieri l-antiki kif ukoll id-distrett t'Alfama. Filgħaxija (optional) dinner u El Fado Show għal lejla ta' divertiment.

### L-ERBGĦA 11 TA' SETTEMBRU
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Almada**. Nibdew il-ġita tagħna lejn Almada fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru l-Old Town kif ukoll **Cristo Rei**, nimxu sa **Margem Sul** (waqfa għal ritratti) u nkomplu sejrin lejn il-villaġġ ta' **Cacilhas.** Ikollna ħin liberu għall-ikel (extra) u personal sightseeing. Wara naqbdu d-dgħajsa biex naqsmu x-xmara Tagus sa **Cais Sodre**. Nirritornaw lura Lisbona għaċ-ċena.

### IL-ĦAMIS 12 TA' SETTEMBRU
Wara li nieħdu l-breakfast ikollna ftit ħin liberu, wara tluq bil-kowċ lejn **Arrabida Park** li jinsab mal-baħar u joffri veduti mill-aktar spettakolari tal-kosta fiż-żona ta' Lisbona. Nieqfu għal sightseeing, wara nżuru **Palmala,** fejn ser ikollna l-opportunita' li nduru dan il-post. Wara nkomplu sejrin lejn **Parque Das Nazoes** li hi erja kbira li ġiet żviluppata u tinsab ma' **Tagus River**. Hawn insibu bini fuq stil kontemporanju bħal **Camoes Theatre u Oceanarium** fil-viċinanzi nsibu l-Waterfront b'għadd ta' restaurants, ikollna ħin liberu għall-ikel (extra) u **Centro Vasco Da Gama**. Wara mmorru lejn l-ajruport ta' Lisbona għat-titjira FR9655 li titlaq fid-20.55 u naslu lura Malta fis-01.05

**12**
**-IL JUM**

**MINN €**
**2,150**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI NKUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €2,200 | €2,150 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €2,200 | €2,150 |
| Kamra ta' persuna waħda | €2,650 | €2,600 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1,900 | €1,850 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Malta Air għall-Lisbona
- 20kgs Checked in Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats u cable cars mhux inklużi)
- 11-il lejl f'lukandi 4 stars ġewwa Fatima, Braga, Lisbona.
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- 10 ikliet skond il-programm
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

